MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tas-17 ta' Frar, 2012

Talba Numru. 1763/2005

Joseph Zammit.

Vs

Mark Laferla.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur qed jitlob li dan it-Tribunal jikkundanna l-konvenut sabiex ihallas id-danni fl-ammont ta’ sitt mija u hamsin Lira Maltin (Lm650), li huwa kkawza fil-proprjeta’ tal-attur ‘Villa Saga’, Triq San Pawl, Naxxar, b’konsegwenza ta’ xogholijiet li l-konvenut ghamel fil-fond ‘Villa Kristina’, Triq Jules Verne, Naxxar, u dan kif jirrizulta mir-rapport tal-Perit Mannie Galea. Bl-imghax mid-data tal-prezentata tat-talba u spejjes kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut li ecepixxa illi:- 1. l-azzjoni tal-attur hija preskritta a tenur tal-artikolu 2153 tal-Kapitolu

16; 2. minghajr pregudizzju ghal dak gja eccepit, il-konvenut ma kkawza ebda danni lill-attur u mhuwiex responsabbli ghad-danni reklamati mill-attur f'din l-azzjoni; 3. illi l-konvenut qabbad kuntratturi u persuni tas-sengha sabiex jahdmu fil-fond tieghu u ma ghandux, skond il-gurisprudenza prevalenti, jirrispondi ghall-ghemilhom hlief limitatament ghal *culpa in eligendo*; 4. illi d-danni reklamati mill-attur huma f'kull kaz ezagerati u ghandhom jigu specifikament likwidati mit-Tribunal; 5. f'kaz illi jirrizulta li l-attur huwa mizzewweg u l-proprjeta' tieghu meritu tal-kawza tappartjeni lill-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti ma martu, l-azzjoni odjerna hija insostenibbli a tenur tal-Artikolu 1322 (2), 1322 (3) (l), 2010 (b) tal-Kap. 16.

Ra d-Digriet ta' dan it-Tribunal kif diversament presjedut datat 16 ta' Marzu 2006, fejn gie nominat il-Perit Tekniku Alan Saliba sabiex jisma l-provi u jirrelata dwar il-kaz in ezami.

Ra r-rapport mahluf tal-Perit Tekniku Alan Saliba.

Ra li l-konvenut irtira l-ewwel eccezzjoni tieghu tal-preskrizzjoni.

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur.

Sema x-xhieda tal-Perit Tekniku prodott mill-partijiet sabiex jixhed in eskussjoni.

Sema t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ra d-dokumenti kollha li gew ipprezentati.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra.**

Illi peress li din il-kawza tittratta mertu purament tekniku, kien gustament inhatar bhala espert tekniku l-Perit Alan Saliba, sabiex jisma l-provi kollha u sabiex jirrelata dwar

it-talba attrici wara li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet tal-konvenut.

Illi l-Perit Saliba hejja r-rapport tieghu wara li sema l-provi kollha prodotti u anki wara li ghamel access fuq il-post in kwistjoni u anki ghamel il-kostatazzjonijiet kollha mehtiega.

Illi l-istess Perit Tekniku kkonkluda, li t-talbiet attrici m'ghandhomx jigu milqugha ghal diversi ragunijiet teknici, u dan it-Tribunal f'materja partikolari bhal din ma jhossx li ghandu jmur kontra l-konkluzzjonijiet tal-istess perit, anki ghaliex ma ngabet l-ebda raguni kwalsiasi da parti tal-attur ghalfejn dan it-Tribunal m'ghandux jilqa l-konkluzzjoni tal-perit tekniku.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jichad it-talba attrici fl-intier taghha. Fic-cirkostanzi l-ispejjes kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------